Is-7 ta' Ġunju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*

Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Michele Peresso pr. et ne. *versus* Onor. Dominic Mintoff, A. & C.E., ne. et.

**Ministru — Kap ta' Dipartiment — Amministratur Publiku — Illeġittimità tal-Persuna — Kjamata fil-Kawża — Art. 789 (1) u 180 (1) (a) tal-Kap. 15.**

*Il-ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' publiċi amministraturi, u bħala tali għandhom jiġu ritenuti persuni leġittimi biex joqgħodu f'kawża li tinteressa dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru tagħhom.*

*Jekk jiġi mħarrek il-ministru prepost għad-dipartiment li hu nteressat fil-kawża, u ssir talba biex jiġi msejjaħ fil-kawża l-kap ta' dak id-dipartiment, dik it-talba għandha għalhekk tiġi milqugħa, għax b'hekk il-pożizzjoni ma titbiddelx, u b'dik l-aġġunta ma tiġix preġudikata l-azzjoni, u lanqas l-eċċezzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fejn l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi huwa għamel offerta lill-Gvern Ċivili (f'din il-kawża rappreżentat mill-konvenuti nomine) ta' 2300 grossa pitazzi ("exercise books"), kwantu għal 700 grossa pitazzi bin-"narrow ruling", u kwantu għal 1600 grossa pitazzi bil-"feint ruling", bil-prezz ta' 2¾d il-pitazz, liema offerta ġiet mill-Gvern Ċivili aċċettata, skond ma jirriżulta mill-korrispondenza unita maċ-ċitazzjoni Dok. A, B. C. D. E. F); u li l-Gvern Ċivili rtira biss 1266 grossa pitazzi, kwantu għal 1000 grossa pitazzi bil-"feint ruling", u kwantu għal 266 grossa pitazzi bin-"narrow ruling", u qiegħed jirrifjuta jirċievi l-bilanċ ta' 1034 grossa pitazzi mingħajr ebda raġuni; u illi dawn il-pitazzi jinsabu għand l-attur proprio et nomine għad-dispożizzjoni tal-konvenuti nomine; wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, talab li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsulu s-somma ta' £1706. 2. 0, prezz tal-istess 1034 grossa pitazzi li l-attur proprio et nomine pront jikkonsenja lill-konvenuti nomine kontestwalment ma' dan il-pagament. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Novembru 1954, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat il-verbal meħud fis-seduta tas-27 ta' Marzu 1957 (fol. 62), mnejn jidher li l-attur proprio et nomine, per mezz tad-difensur tiegħu, talab li jiġi aġġunt mal-konvenuti l-isem tad-Direttur tal-Edukazzjoni Joseph P. Vassallo, fil-kwalità tiegħu premessa, u l-konvenuti, per mezz tad-difensur tagħhom, opponew ruħhom għal dik it-talba;

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fis-27 ta' Marzu 1957, li biħ, billi l-pożizzjoni ma titbiddelx, laqgħet l-imsemmija talba, u ordnat li l-ispejjeż tal-istess digriet jibqgħu għal-kariku tal-attur, kif ukoll in-notifika taċ-ċitazzjoni, a spejjeż definittivament tal-attur, lil Joseph P. Vassallo fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tal-Edukazzjoni;

Rat ir-rikors tal-konvenuti nomine quddiem din il-Qorti, fejn talbu r-riforma tad-digriet fuq imsemmi tas-27 ta' Marzu 1957, billi jiġi revokat fejn ġiet biħ awtorizzata l-aġġunta mal-konvenuti tal-isem ta' Joseph P. Vassallo fil-kwalità tiegħu ta' Direttur ta' l-Edukazzjoni u fejn ġiet biħ ordnata n-notifika taċ-ċitazzjoni lill-istess Joseph P. Vassallo, kif korretta, a spejjeż definittivament tal-atturi. u dan wara li din il-Qorti tiddikjara li l-aġġunta fuq imsemmija hija kontra l-liġi, u billi l-istess digriet jiġi konfermat fejn ġie deċiż li l-ispejjeż relattivi jibqgħu a kariku tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-imsemmi verbal tas-27 ta' Marzu 1957 (fol. 62), it-talba tal-appellat proprio et nomine kienet li mal-konvenuti msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni jiġi aġġunt l-isem ta' Joseph P. Vassallo fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tal-Edukazzjoni; u bid-digriet appellat ġiet milqugħa dik it-talba, li kellha bħala effett dak li ddaħħal l-imsemmi Joseph P. Vassallo nomine mal-konvenuti l-oħra fil-kawża. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bl-imsemmi digriet, billi jsostnu li b'hekk ġiet sanata proċedura radikalment irregolari u ħażina — ħaġa li, jgħidu huma, lanqas tista' tiġi rimedjata bl-istitut tal-kjamata fil-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba milqugħa bid-digriet appellat sostanzjalment tammonta għall-kjamata in kawża ta' Joseph P. Vas-

sallo fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tal-Edukazzjoni; u billi l-Gvern, partikularment id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kien jinsab diġà, fil-persuna tal-Ministru għall-istess Dipartiment prepost, konvenut fil-kawża, l-Ewwel Qorti dehrilha, u bir-raġun, li bl-aġġunta tal-imsemmi Joseph P. Vassallo nomine mal-konvenuti l-oħra l-pożizzjoni ma kienetx qegħdha tiġi mibdula. Lanqas jista' jingħad li b'dik l-aġġunta ġiet preġudikata l-azzjoni jew l-eċċezzjoni. Infatti, huwa indubitat li l-Ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' publiċi amministraturi, u bħala tali, skond id-dispożizzjoni tal-art. 789 (1) u 180 (1) (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għandhom jiġu ritenuti persuni leġittimi biex joqgħodu fil-ġudizzju. Ta' min jirrileva li l-istess konvenuti, fin-nota tal-eċċezzjonijiet (fol. 11), wara li opponew għall-preżenza fil-kawża tal-Onorevoli Mintoff u Cuschieri nomine, komplew jgħidu li n-negozju li l-attur jallega li sar bejnu u bejn il-Gvern "kien jaqa' fl-orbita tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u għalhekk il-persuna li kellha tiġi mħarrka f'din il-kawża huwa l-kap permanenti tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, u talvolta l-Ministru responsabbli għal dak id-Dipartiment";

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-27 ta' Marzu, 1957; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti nomine.